KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 38

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

It-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:12 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Yvonne Bartolo – ViċiSindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsillier Swieqi

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Qabel ma bdiet il-laqgħa, il-President xtaq jesprima d-diżappunt li qed jinħass meta wieħed jara in-nuqqas ta' attendenza fil-laqgħat kif ukoll fuq avvenimenti marbuta mar-Reġjun, b'mod speċjali b'dawk l-avvenimenti marbuta mat-titlu tar-Reġjun tal-Kultura. Qed jitneħħa l-entużjażmu kollu li hemm fl-uffiċċju tar-Reġjun.

Hu spjega kif l-entużjazmu qed ikun biss meta r-Reġjun jikkunsidra li tinħareġ skema finanzjarja u dan mhux aċċettabli.

Sur Chircop saħaq fuq it-titlu ta' din is-sena li mhux titlu li jingħata kull sena u kif kull Kunsill Lokali għandu jgħamel kull mezz possibli biex ikun preżenti b'mod speċjali meta dak il-proġett jew avveniment ikun qed jinżamm fil-lokalità rispettiva.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci.

38.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 37 li nżammet nhar l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

38.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

## 38.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Tnedija Uffiċjali ta' Tnax-il***

38.3.1 Il-President informa lill-membri dwar din it-tnedija li kienet inżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2024 ġewwa l-iskola tal-primarja ta' l-Imsida.

38.3.2 Hu spjega kif dan il-ktieb ser ikun qed jiġi mqassam fl-iskejjel tal-Gvern madwar malta u Għawdex għat-tfal li jinsabu fil-ħames u s-sitt sena u kif f'dan ir-Reġjun ser ikun qed jitqassam ukoll fl-iskejjel tal-knisja u tal-privat.

38.3.3 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa fejn ser ikunu qed jiġi mqassma kif ukoll min ħa ħsieb il-printing ta' din il-pubblikazzjoni.

38.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għal dan il-proġett l-ispejjeż biex sar il-ktieb ittieħdu mill-fondi allokati taħt ir-Reġjun tal-Kultura 2024, il-printing sar permezz ta' fondi mgħotija mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Literiżżmu, u ġew mgħotija wkoll fondi mingħand il-Ministru għall-Ġustizzja Soċjali u Solidarjetà, il-Familja u Drittijiet tat-Tfal sabiex saru filmati bis-sign language għal dawk li huma neqsin mis-smiegħ.

38.3.5 Uħud mill-membri preżenti talbu jekk kopja ta' dan il-ktieb hux ser jiġi mqassam lis-Sindki u Kunsilli Lokali.

38.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-printing li sar mill-Aġenzija msemmija kien għat-tfal fil-ħames u sitt sena ta' l-iskejjel tal-primarja u xi kopji li ser jingħataw fil-libreriji tal-lokalitajiet. Madanakollu peress li d-domanda għal dan il-ktieb kienet waħda kbira, l-uffiċċċju ser ikun qed jistaqsi lill-Aġenzija għall-possibilità li jsiru aktar kopji.

- *Aġġornment dwar il-kuntrattur ta' l-iskart*

38.3.7 Il-President spjega kif nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru dan ir-Reġjun kien irċieva email bil-*Log Books* tal-vetturi li qed jintużaw mill-kuntrattur kif ukoll il-*work plan.* Is-Sur Chircop ġibed l-attenzjoni li mhux il-*log books* tal-vetturi kollha ġew mibgħuta.

38.3.8 Is-Sur John Pillow staqsa jekk ir-Reġjun hux ser jgħati kopja tad-dokument bil-work plan.

38.3.9 Is-Sur Chircop informa lill-membri li l-Waste Manager ser ikun qed jibgħat dan id-dokument lil kull Kunsill Lokali rispettiv. Hu żied jgħid li dak li hemm miktub fil-workplan ma jfissirx li dak li hemm huwa bi qbil mar-Reġjun.

38.3.10 Is-Sur Pillow staqsa jekk il-persentaġġ mill-ħlas tal-Kuntrattur hux ser jingħata lura lill-Kunsilli Lokali.

38.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minn dawn il-flus iridu jitnaqsu l-ispejjeż tal-avukat u l-kumplament jingħataw lura lill-Kunsilli Lokali skond il-persentaġġ ta' ħlas li jkun sar.

38.3.12 Is-Sur Pillow qal li dawn il-pagamenti għandhom jingħataw skond l-ilmenti li jkunu daħlu.

38.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif qed jiġi mnaqqas persentaġġ u mhux skond l-ilment li jkun irċieva.

38.3.14 *17:43pm – is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

38.3.15 Nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru, dan ir-Reġjun irċieva dokument bir-risposta ta' kull default notice.

38.3.16 Għal din ir-raġuni ġiet skedata laqgħa ta' aġġornament mal-avukati tagħna nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024 peress li maġġoranza tar-risposti li ġejna mgħotija mhumiex korretti.

- *Aġġornament fuq il-kuntratt mal-PROs*

38.3.17 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan il-kuntratt kien ġie iffinalizzat u iffirmat minnu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2024.

38.3.18 Hu żied jgħid kif l-għada stess inħarġu l-ewwel żewġ fatturi lil Greenpak u GreenMT. Dan l-ewwel ħlas huwa għas-servizz minn Jannar sa Ġunju 2023 u għandu jiġi mħallas sa mhux aktar minn tmiem dan ix-xahar. Lejn tmiem Novembru ser ikun qed jinħareġ il-pagament ta min Lulju sa Diċembru 2023.

38.3.19 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Zammit, staqsa jekk ir-Reġjun ikollux informazzjoni dwar l-iskart li jintrema fil-bring-in-sites.

38.3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dak il-kuntratt huwa bejn il-PROs u l-Kunsilli Lokali rispettivi pero ser tkun qed tistaqsi lil *Waste Manager* peress li aktarx din l-informazzjoni jkollu hu biex jiġi ppreżentata fir-rapport meħtieġ.

38.3.21 Dott Zammit issuġġerixxa wkoll sabiex dak il-ħlas li qed jinżamm mir-Reġjun u mhux jingħata lill-Kuntrattur għandux jinżamm il-qrati ta' Malta.

38.3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan is-suġġeriment u ser tkun qed titlob kjarifika dwar dan mingħand l-avukat.

38.3.23 Tqajmet diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar ix-xogħol li qed isir mid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni u ġie mistoqsi jekk ir-Reġjun kienx irċieva l-*work plan* li kien ġie diskuss fil-laqgħa li kienet saret mill-Onor. Bedingfield u s-Sur Deguara flimkien mal-President, Segretarju Eżekuttiv u l-Waste Manager.

38.3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ma kienet irċievet xejn u ser tkun qed tibgħat tfakkira ġentili dwar dan.

38.3.25 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, staqsa jekk il-flus li r-Reġjun għandu jieħu mill-PROs humiex flus li jridu jingħataw lura lill-Kunsilli lokali.

38.3.26 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dawn il-pagamenti huma dovuta lir-Reġjun wara li kienu mħalsa mir-Reġjun lill-kuntrattur.

- *Tnedija uffiċjali tal-proġett 'VR Tours'*

38.3.27 B'referenza għal din it-tnedija, il-President spjega kif din kellha tinżamm nhar il-Ġimgħa li għaddiet pero jumejn qabel dan ir-Reġjun ġie infurmat mill-MTA sabiex din it-tnedija tiġi posposta għal gurnata oħra.

38.3.28 Is-Sur Chircop spjega kif s'issa l-MTA kienu għadhom m'għandewx data uffiċċjali alternattiva pero kif ir-Reġjun jingħata din l-informazzjoni l-Kunsilli Lokali jiġu nfurmati mill-aktar fis possibli.

38.3.29 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif ir-Reġjun jixtieq li dan il-proġett ikompli jikber bl-involiment mir-Reġjuni l-oħra ġaladarba jkun hemm aktar fondi mgħotija mill-MTA.

- *Skema Finanzjarja 2024*

38.3.30 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-ħamis 31 t'Ottubru 2024 il-bord tal-finanzi kompost minnu, bħala President, flimkien mas-Sur Max Zammit u s-Sur Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu u ġiet ippreparata skema finanzjarja għat-tiżjin tal-milied għas-sena 2024. Kull Kunsill Lokali jistà jibbenefika sa €3,000 u d-dokumenti meħtieġa għandhom jaslu sal-Ġimgħa 14 ta' Frar 2025.

38.3.31 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott Kaylon Zammit, staqsa jekk dawn il-fondi jistgħux jintużaw biex isiru attivitajiet relatati mal-Milied. Hu spjega kif dis-sena il-Kunsill kien sab sponsor u għalhekk xtaq kieku dawn jintużaw għall-attivitajiet.

38.3.32 Il-President spjega kif dawn il-fondi huma speċifikament għal tiżjin biss.

38.3.33 Din l-iskema finanzjarja ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti u għal din ir-raġuni ser tkun qed tintbagħat komunikazzjoni uffiċċjali dwar dan lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

- *Avveniment - Każin 60*

38.3.34 Il-President spjega kif wara ħafna komunikazzjoni mill-uffiċċju dwar dan l-avveniment, bi pjaċir informa lill-membri kif għal din is-serata ser ikun hemm total ta' madwar 250 persuna li ser tkun qed tattendi għal din is-serata nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024 ġewwa Junion College, l-Imsida.

38.3.35 Il-President żied jgħid kif ir-Reġjun ser ikun qed jikkoordina servizz ta' trasport b'xejn minn kull lokalità għas-sala ta' Junior College, l-Imsida, u lura.

- *Avvenimenti importanti*

38.3.36 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar l-għeluq tas-sena tal-Kultura 2024 li ser tinżamm nhar il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2024 ġewwa Teatru Salesjan.

38.3.37 Hu żied jgħid kif huwa ferm importanti li s-Sindki jkunu preżenti u jħeġġu lill-Kunsilliera jattendu wkoll.

- *Proġett ta' Bird Nest Boxes*

38.3.38 Il-President informa kif dan il-proġett li qed jiġi mmexxi mill-Manager ta' l-Ambjent, Andrea, kiseb fondi ta' €2,000 mingħand Melita, sabiex jiġu mixtrija u installati kameras u jitpoġġew f'dawn il-kaxxex. Aktar informazzjoni ser tingħata aktar 'il qudddiem.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

38.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 38.5 Rapporti

38.5.1 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti ta' kull kwart li jiġu ppreżentati mill-Manigers tar-Reġjun.

38.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn diġa ġew mibgħuta lill-membri preżenti qabel din il-laqgħa u għal din ir-raġuni qed jiġu kkunsidrati bħala moqrija.

38.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll kif ir-rapport mingħand is-Sa Andrea Borg Brincat u s-Sur James Hamberger kienu ġew sottomessi sad-data stipulata sabiex jiġu ppreżentati fil-laqgħa preċedenti pero bi żvista dawn ma kienux ġew diskussa f'dik il-laqgħa u b'hekk qed jerġgħu jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni f'din il-laqgħa. Hi żiedet tgħid li r-rapport tas-Sur Ryan Zammit kien ġie sottomess wara d-data stipulata.

38.5.4 Il-President staqsa jekk kienx hemm kummenti mill-membri preżenti.

38.5.5 Peress li ma kien hemm l-ebda rimarka mill-membri, dawn ir-rapporti ġew approvati b'mod unanimu.

## 38.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

38.6.1 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2024, is-Segretarju Eżekuttiv kienet irċiviet ittra ta' riżenja mingħand is-Sa Barbara li tinsab fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv u għal din ir-raġuni ser tkun qedha tintemm l-impjieg tagħha nhar it-30 ta' Novembru 2024.

38.6.2 Is-Sur Chircop qal kif għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurma lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali u Jobsplus dwar dan sabiex tinħareġ sejħa oħra. Is-sejħa inħarġet internament mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali u tagħlaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024.

38.6.3 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif ir-Reġjun ser jerġa jgħamel tentattiv ieħor sabiex jiġi ingaġġat persuna fil-pożizzjoni ta' EU/Local Funds Manager wara li din il-pożizzjoni kienet ġiet vakanti f'Lulju 2024.

38.6.4 Is-sejħa inħarġet internament mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali u ser tkun qed tagħlaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024.

38.6.5 Il-President talab lill-membri jressqu l-interess tagħhom sabiex joqgħodu fuq il-bord meta jsiru l-intervisti.

38.6.6 Kien hemm qbil sabiex fuq il-bord ikun immexxi mill-President, Anthony Chircop, flimkien mas-Sur Charles Selvaggi u s-Sur Neville Chetcuti. Jekk għal xi raġuni dawn il-membri ma jkunux jistgħu jattendu, ġew approvati s-Sur John Pillow u s-Sur Stefano Savo.

## 38.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- Kwotazzjonijiet

38.7.1 Il-President ressaq dawn il-kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

- Filmat li jrid isir għaċ-ċerimonja ta' l-għeluq fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Videocafe bi prezz ta' €7,158.54;
- Servizz ta' fotografija sabiex jintużaw fil-kalendarju reġjonali fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Mark Soler bi prezz ta' €300.00;
- Servizz sabiex isir video promozzjonali ghal VR Tours fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Audience bi prezz ta' €896.80;
- Servizz ta' dawl, sound għat-tnedija uffiċjali ta' VR Tours fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand GenAudio bi prezz ta' €4,242.10;
- Kwotazzjoni għal USBs għat-tnedija uffiċċjali ta' VR Tours fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Playcraft bi prezz ta' €767.00;
- Servizz ta' Trasport li ser ikun qed jintuża sabiex anzjani jattendu l-avveniment ta' Każin 60 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Supreme Travel -bi prezz ta'€900.00;
- Servizz ta' Videographer għal Każin 60 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Testa & Testmar bi prezz ta' €424.80;
- Servizz ta' cutouts għat-tnedija uffiċjali ta' Tnax-il fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Printagram bi prezz ta' €761.10;
- Xiri ta' kejkijiet tal-Milied fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Camilleri & Sons bi prezz ta' €435.00.

38.7.2 Il-President informa kif l-ikla tal-Milied ser tkun qed tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024 ġewwa il-Venju, Pembroke.

38.7.3 ***18:34 – Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenn ieħor.***

## 38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

38.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

38.7.2 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sa Neville Chetcuti, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 35A u 35B.

38.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 38.8 Mozzjonijiet

38.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 38.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

38.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:27 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2024.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv